# TRIBUNAL INDUSTRJALI

## DECIZJONI NUMRU 2866

**Kaz Numru 3178/GV**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Johnny Cesare (K.I.: 164463M)**

**u**

**Cancu Coaches Ltd**

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

**Chairman: Dr. Geoffrey Vella B.A. LL.D**

Illum it-Tlieta 22 ta' Novembru, 2022

## Introduzzjoni

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrijali, permezz ta' rikors ilment ipprezentat mill-avukatessa, Dottoressa Marie-Elise Agius ghan-nom tar-rikorrent, Johnny Cesare, fir-Registru Superjuri, fit-18 ta' Novembru 2013. Illi r-rikorrent qieghed isostni li tkecca b'mod ingust mis-socjeta` ntimata, ossia Cancu Coaches Ltd.

L-istess rikorrent talab lil dan it-Tribunal sabiex jiddikjara li t-tkeccija tieghu kienet ingusta fil-konfront tieghu u kif ukoll b'riserva kull dritt iehor spettanti lilu fil-ligi.

Ir-rikorrent fir-rikors tieghu sostna li kien ilu mpjegat mas-socjeta` ntimata madwar erbatax-il sena, b'kundizzjonjiet ta' prekarjat, bhala xufier. Illi r-rikorrent kien mitlub sabiex jaghmel vjagg f'nofs il-lejl, fejn l-istess rikorrent kien informa lit-tifel tal-Manager, Chris Abela li ma setghax jaghmel dan il-vjagg. Sussegwentement, ir-rikorrent kien gie nfurmat, u dan minghajr ebda twissija ta' xejn, li kien jinsab fuq in-*notice period*. Illi meta r-rikorrent kien avvicina lil Chirs Abela sabiex ikun jaf il-ghaliex kien jinsab fuq in-*notice period* u li kien se jitkecca mill-impjieg, ir-rikorrent gie mhedded u safa attakkat mill-istess Chris Abela b'hadida. Ir-rikorrent isostni fir-rikors tieghu li kien sofra griehi ta' natura hafifa u dan skont ic-certifikat rilaxxat mit-tabib Dottor Aldo Fiorini, liema certifikat jinsab esebit fil-process u mmarkat bhala Dok. 'A'.

In oltre, r-rikorrent jirrileva li hu tkecca mill-impjieg mis-socjeta` ntimata peress li kien talab li ma xtaqx li joqghod *overtime*, u li dan kien l-arrangament li minn dejjem kellu bhala haddiem mas-socjeta` ntimata. Illi di piu', wara t-terminazzjoni tieghu, r-rikorrent kien gie nfurmat li l-granet tal-leave u l-vaganzi tal-Milied, u tal-ewwel tas-sena kienu qeghdin jinqatghu bhala *unpaid leave*.

Fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz tieghu li giet ipprezentata fit-2 ta' Dicembru 2013, ir-rikorrent ikkonferma l-kontenut tar-rikors promutur u li ghalhekk kien qieghed jitlob lil dan it-Tribunal sabiex jiddikjara u jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impjieg tieghu da parti tas-socjeta` ntimata kienet wahda ngusta u nvalida fil-Ligi, u li joghgbu li jaghti l-provvedimenti kollha opportuni fir-rigward tat-terminazzjoni a tenur tal-artikolu 81 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta, nkluz il-hlas ta' kumpens gust.

In oltre, fit-tieni seduta mizmuma fis-17 ta' Frar 2014 ir-rikorrent, tramite l-konsulent legali tieghu, talab korrezzjoni fir-rikors promutur tieghu, fejn wara l-kliem kumpens gust jizdiedu l-kliem kif stabbilit minn dan it-Tribunal.

Is-socjeta` ntimata, Cancu Coaches Ltd, ipprezentat ir-risposta, ffirmata mir-rapprezentant legali taghha, Dottor Noel Camilleri, fis-seduta tad-9 ta' Dicembru 2013, liema risposta giet ipprzentata mis-sinjura Dorianne Scicluna, li kienet qieghda tirraprezenta s-socjeta` ntimata. F'din ir-risposta s-socjeta` ntimata sostniet li t-tkeccija tar-rikorrent kienet iggustifikata peress li dan kellu attitudni hazina kemm mas-superjuri tieghu, u kemm mall-kollegi tieghu tax-xoghol.

In oltre, kien hemm diversi episodji ta' nuqqas ta' dixxiplina da parti tar-rikorrent u ghalkemm kien inghata diversi twissijiet verbali, l-istess rikorrent kien baqa' jippersisti bl-attegjament tieghu. Is-socjeta` ntimata elenkat dawn l-episodji li jikkonsistu, f'ilmenti minghand diversi agenti u gwidi u dan minhabba l-attidudni tar-rikorrent li kien jargumenta maghhom; ir-rikorrent kien jippretendi li jiehu l-mara tieghu mieghu ghax-xoghol, u fuq hekk kien ikun hemm argumenti; ir-rikorrent ma kienx ikun irid li jahdem fil-gurnata tal-Hadd, u dan anke meta kien ikun imiss lilu li jahdem il-Hadd; ir-rikorrent kien ikollu hafna argumenti mall-kollegi tax-xoghol tieghu, u li addirittura kien hemm impjegat, certu Stephen Zammit, li minhabba l-attitudni tar-rikorrent temm l-impjieg tieghu minn mas-socejta` ntimata; kien hemm episodju fejn ir-rikorrent kien argumenta mas-superjuri tieghu fuq *sick leave* li kien inghata minghajr ebda problemi, u li l-ghajdut li kien sema' minghand xufiera ohra tas-socjeta` ntimata kien biss cajta; r-rikorrent kien jitlob lis-superjuri tieghu, fosthom lil Christopher Abela, sabiex meta kien jigi ordnat jiehu l-leave peress li ma kienx ikun hemm xoghol, kien jiehu *sick leave* minflok il-leave, xi haga li ma kinitx tigi accettata mis-superjuri tieghu; kien jirrifjuta li jahdem b'vettura li ma kinitx tieghu, bhal xarabank tal-linja, u  dan meta l-vettura li kienet assenjata lir-rikorrent kienet tkun bil-hsara; r-rikorrent kien ukoll jirrifjuta li meta ma jkunx hemm xoghol iehor kien joqghod gurnata c-Cirkewwa jistenna l-klijenti jigu minn Ghawdex; ir-rikorrent kien jirrifjuta li jiehu leave meta jkun hemm nuqqas ta' xoghol u kif ukoll jirrifjuta li jaghmel xoghol tas-socjeta` ntimata fil-garaxx bhal hasil tal-vetturi jew qadi iehor bhal xiri ta' *spare parts*.

It-Tribunal, ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz u dan kif gie lilu pprezenatat mill-partijiet kontendenti. Illi t-Tribunal zamm tnejn u ghoxrin (22) seduta b'kollox fejn instemghu x-xhieda mressqa miz-zewg partijiet, u, in oltre, l-istess Tribunal evalwa l-provi mressqa quddiemu flimkien mad-dokumenti pprezentati.

Di piu', saret trattazzjoni finali mill-konsulenti legali rispettivi tal-partijiet, kemm orali u kif ukoll permezz ta' nota ta' sottomissjoniet da parti tal-intimata, u li dan it-Tribunal ha in konsiderazzjoni l-istess argumenti kif sottomessi fit-trattazzjoni finali. In oltre, ma kienx possibbli li dan it-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fi zmien xahar kif stipulat fil-ligi u dan stante l-limitazzjonijiet ta' facilitajiet amministrattivi, minhabba talbiet ta' differimenti mill-istess partijiet u kif ukoll minhabba l-pandemija tal-COVID19.

Illi, r-rikorrent, Johnny Cesare kien assistit mill-Avukatessa, Dottoressa Marie-Elise Agius, mentri s-socjeta` ntimata ntimata, Cancu Coaches Ltd kienet assistita mill-Avukat, Dottor Noel Camilleri.

**Il-Fatti fil-Qosor ta' din il-Kwistjoni ta' Xoghol**

Ir-rikorrent, Johnny Cesare, kien ilu mpjegat mas-socjeta` madwar erbatax-il sena qabel it-terminazzjoni mill-impjieg tieghu. Illi kif spjega r-rikorrent, fir-rikors promotur tieghu, s-superjur tieghu, Chris Abela, li hu iben il-Manager, kien talbu sabiex jaghmel vjagg f'nofs il-lejl, u l-istess rikorrent kien irrifjuta peress li ma setghax. Sussegwentement minghajr ebda tip ta' twissija (*warning*) r-rikorrent kien tpogga fuq *notice period*, u meta staqsa l-ghaliex kien tpogga fuq in-notice period, l-istess Chris Abela kien hedded lir-rikorrent u kif ukoll, skont ir-rikorrent gie attakkat minn Chris Abela b'hadida u li kagun ta' hekk ir-rikorrent allegatament sofra griehi ta' natura hafifa, u dan skont ic-certifikat mediku rilaxxat mit-tabib Aldo Fiorini[1].

In oltre, r-rikorrent isostni, fl-istess rikors, li hu kien sar jaf li l-granet ta' leave tal-vaganzi tal-Milied u tal-Ewwel tas-Sena kienu nqatghu bhala leave bla hlas (*unpaid leave*) wara li tkecca. L-istess rikorrent jirrileva li l-*Employment and Training Corporation* (ETC), u dan kif kienet maghrufa f'dak il-perjodu ta' din il-kwistjoni ta' xoghol, kienu gew informati mill-istess s-socjeta` ntimata li r-rikorrent kien gie tterminat fuq kondotta hazina (*misbehaviour*).

In oltre, matul l-impjieg tieghu mas-socjeta` ntimata, r-rikorrent kellu diversi argumenti kemm mall-istess kollegi tieghu kif ukoll ma' operaturi li jahdmu fis-settur turistiku. Ir-rikorrent kien ukoll jaqla' hafna problemi mas-superjuri tieghu fejn kien jirrifjuta l-ordnijiet li kien jinghata mill-istess superjuri tieghu.

Matul is-smiegh ta' din il-kwistjoni ta' xoghol mix-xhieda mressqa mill-partijiet hargu hafna dettalji kontrastanti dwar il-karattru tar-rikorrent, u kif ukoll dwar il-mod xejn dinijtuz kif id-dirigenti tas-socjeta` ntimata trattaw lill-istess rikorrent.

**Xhieda Mressqa f'din il-Kwistjoni ta' Xoghol**

Il-partijiet kontendenti f'din il-kwsitjoni ta' xoghol ressqu diversi xhieda sabiex jaghtu x-xiehda taghhom. Dorianne Scicluna, rrilevat li l-inkarigu taghha hu dak ta' *Office Administration*, fejn tiehu hsieb il-finanzi tas-socjeta` ntimata, tahdem il-pagi u kif ukoll timpjega lix-xufiera. Din ix-

[1] Rikors promotur tar-rikorrent.

xhud spjegat li r-rikorrent kien ilu jahdem maghhom mill-14 ta' Settembru 2009, u li kien gie tterminat fit-12 t'Awwissu 2013.

Din ix-xhud semmiet li kull xufier kien ikun assenjat vettura ghalih u dan sabiex ma jkunx hemm bdil fl-idejn ta' dawn il-vetturi. Ix-xhud spjegat ukoll li r-rikorrent kien thallas l-ahhar paga, u kif ukoll xi granet tal-leave. Ix-xhud spjegat li l-paga tar-rikorrent kienet hadmitha hi u li kienet tat spjegazzjoni dettaljata lir-rikorrent tax-xhiex kien thallas. Kien hemm il-paga li kellu jiehu, thallas tal-leave, thallas ukoll tan-*notice pay*, u li ghalkemm, skont din ix-xhud ma kellux dritt ghalih kienu hallsuh tieghu, u kif ukoll il-*bonuses*. Dawn kienu jikkonsistu parti mill-*bonus* ta' Settembru u parti minn dak ta' Dicembru[2].

Dwar procedura ta' dixxiplina fil-konfornt tar-rikorrent, ix-xhud sostniet li kien hemm darbtejn ohra li kienu ttiehdu dawn il-proceduri, u dan barra l-ahhar wiehed. Ix-xhud sostniet li kienet a konoxxenza tal-ahhar incident li kellu r-rikorrent, dwar it-tnejn l-ohra kien jaf dwarhom huha, Chris Abela.

Ix-xhud irrilevat li r-rikorrent fil-11 t'Awwissu 2013 kien xoghol, mis-sebgha ta' filghodu sal-hamsa ta' wara nofsinhar, u li kien hemm zewg vjaggi, li hadimhom ir-rikorrent. Ghall-bqija tal-hin li jkun fadal ir-rikorrent kien mar id-dar bil-vettura tax-xoghol, u thallas xorta tad-*duty* tieghu. Dan kien skont il-ftehim li s-socjeta` ntimata kellha max-xufiera taghha. Ix-xhud tenniet li l-ghada, u cioe` it-12 t'Awwissu 2013, hi kellha tagevola xufiera ohra biex jiehdu l-overtime, u cioe` dawk li fil-gurnata ta' qabel kienu bil-leave.

Dan kien isir biex kull xufier kien jaqla' l-istess paga. L-ghada kien hemm zewg vjaggi ta' bil-lejl u li jiswa €23.00 bhala *overtime*, vjagg iehor li jiswa €19.00. Ix-xhud sostniet li huma kienu hassew li ghandhom jassenjaw dak ta' €23.00 lil xufier li kien bil-leave il-gurnata ta' qabel. Ix-xhud qalet li meta kien cempel ir-rikorrent sabiex jiccekkja liema vjagg kien ser jaghmel, u meta sar jaf li kien dak ta' €19.00, ir-rikorrent irrifjuta li jaghmlu.

Ix-xhud spjegat li kienet informat lil huha, Chris Abela, dwar dak li kien ried ir-rikorrent, u cioe` li jew jaghmel il-vjagg tat-€23.00 jew ma jaghmel xejn, u huha kien talab lir-rikorrent sabiex jiehu l-vettura li jahdem biha fil-garaxx. Ix-xhud qalet li huha kien ittermina l-impjieg tar-rikorrent dakinhar. Ix-xhud kienet saret taf dan kollu mill-istess rikorrent wara li kien cempillha.[3]

Fis-seduta tas-17 ta' Novembru 2014 xehed, Chris Abela, fejn beda biex spjega li hu kien xufier, u kif ukoll jiehu hsieb it-tqassim tax-xoghol tal-vetturi ta' missieru, Andrew Abela, li kien il-propjetarju ta' dan in-negozju.

Ix-xhud sahaq li bhala klijenti ghandhom diversi li jvarjaw minn studenti barranin, agenti turistici, klijenti privati u kif ukoll skejjel governattivi. Ix-xhud spjega li huma ghandhom disa' *coaches* u ghandhom impjegati *full-time* ghal kull vettura u kif ukoll *part-timers* ghas-Sibt u l-Hadd.

---

[2] Seduta tas-17 ta' Marzu 2014, xiehda ta' Dorianne Scicluna, pagna 4 tat-traskrizzjoni.
[3] Ibid, pagna 10 tat-traskrizzjoni.

Ix-xhud qal li hemm impjegati li jahdmu mis-7.00 a.m sal-5.00 p.m. u mpjegati li jahdmu wkoll il-vjaggi ta’ bil-lejl (*night tours*). Ix-xhud irrileva li min kien jahdem dan il-hin mis-sebgha sal-hamsa, u kien jidhol jaghmel xi vjaggi sa tard bil-lejl, ma kienx jaghtih xoghol kmieni filghodu. Min kien jidhol wara l-hinjiet normali tax-xoghol kien jithallas bhala *overtime*, u dan kien issir hekk ghax l-impjegat kien jitlob li jidhol *overtime*.

Kull xufier kien jiehu hsieb il-vettura (*coach*) li tkun assenjata lilu, billi l-impjegat jara li jzomm il-vettura nadifa u dan kien isisr biex ma jkunx hemm bdil fl-idejn tal-vetturi u biex ma ssirx hsara lill-vetturi. Fil-ghaxija l-vetturi kienu jittiehdu l-garaxx[4].

Dwar ir-rikorrent, ix-xhud qal li dan ma kienx jafu qabel u kien sar jafu meta mar jahdem maghhom, daqs erba’ snin qabel. Ix-xhud li kien xufier tajjeb u li kien izomm il-vettura tieghu nadifa. Ir-rikorrent, sostna dan ix-xhud, kien jirrifjuta x-xoghol u kien ikun irid dak ix-xoghol li jaqbel lilu. Kien hemm vjaggi li kienu jithallsu €23.00 u ohrajn bejn €17.00 u €19.00.

Ix-xhud irrileva li hu u r-rikorrent kellhom argument ghax ir-rikorrent kien ried li jkollu *night tour* ta’ €23.00 minghand is-Supreme, u lil tas-Supreme jtuh il-vjagg taghhom. Ix-xhud sostna li hu ma kienx qabel li jsir dan peress li x-xoghol li kellhom huma riedu jaghmluh huma, cioe` ta’ Cancu Coaches. Ix-xhud sostna li r-rikorrent kien baqa’ jinsisti li ma kienx ried jaghmel dan il-vjagg u ghalhekk qal lir-rikorrent li la ma riedx li jaghmel dan il-vjagg ihalli l-vettura hemm u jinzel b’ tal-linja. Il-vettura kienet thalliet l-Ghadira hdejn l-ghassa tal-pulizija rrileva x-xhud[5].

Ix-xhud kompla billi qal li l-ghada kien gie r-rikorrent mall-mara tieghu fejn kien talbu biex jahfirlu, u missier ix-xhud kien ghamel pressjoni biex jirrangaw l-affarijiet. Ix-xhud ghalhekk kien hafer lir-rikorrent u dan kompla ghaddej bl-impjieg tieghu maghhom. Sena wara rega’ kien hemm vjagg iehor l-istess bhal dak li ghadu kif irrakkonta u r-rikorrent irrifjuta li jahdmu. Ix-xhud qal li dakinhar ir-rikorrent matul il-gurnata kull ma kellu kien vjagg bl-istudenti tal-iskola.

Ix-xhud qal li r-rikorrent dakinhar kien ha l-vettura d-dar peress li mall-gurnata x-xhud kien qal lill-impjegati sabiex izommu l-vetturi hdejn id-dar. Cemplet oht ix-xhud, Dorianne Scicluna, fejn informatu li r-rikorrent ma riedx jaghmel vjagg ta’ €17.00. Ix-xhud qal hu kien gia assenja vjagg ta’ filghaxija lill-impjegat iehor certu, John, vjagg ta’ €23.00, u li ghalhekk ma seta’ jaghmel xejn. Ix-xhud sostna li ma setax jiehu dan ix-xoghol ta’ €23.00, u li issa kien gia assenja lil xufier iehor u jaghtih lir-rikorrent. Jekk jaghmel hekk ikun qieghed jonqos max-xufier l-iehor, sahaq ix-xhud.

Ix-xhud sostna li kif ra li r-rikorrent baqa’ jinsisti li ma riedx jahdem dan il-vjagg, rega’ qallu, bhal ma kien qallu sena qabel biex inizzel il-vettura u li kien qieghed jitterminalu l-impjieg. Ix-xhud jghid li hu ma setax jibqa’ sejjer hekk mar-rikorrent, u li ma kien tghallem xejn mill-incident ta’ sena qabel, u dan apparti li kien hemm affarijiet ohra[6].

---

4 Seduta tas-17 ta’ Novembru 2014, xiehda ta’ Chris Abela, pagna 4 tat-traskrizzjoni.
5 Ibid, pagna 6 tat-traskrizzjoni.
6 Ibid, pagna 7 tat-traskrizzjoni.

Kif gara fl-incident ta' qabel meta r-rikorrent kien nizzel il-vettura l-garaxx kien tkellem ma' missier ix-xhud u dan sabiex jittrangaw l-affarijiet. Ix-xhud qal li lill-missieru qallu li r-rikorrent ma kienx tghallem u li jkun ahjar jekk jitterminawlu l-impjieg tieghu. Ix-xhud qal li hu kien ried li jittermina l-impjieg tar-rikorrent biex ma jinholqux problemi max-xufiera l-ohra dwar dawn il-vjaggi tas-€17.00. Kien ghalhekk li l-impjieg tar-rikorrent kien twaqqaf.

Ir-rikorrent kien mar l-ufficcju taghhom u nsista biex jahfrulu, izda x-xhud qal li kien hemm episodji ohra u li kienu qeghdin jargumentaw fuq xi haga li gia grat. Ix-xhud qal li kull meta r-rikorrent kien ikollu xi *night tour* kien jiehu mieghu lill-mara tieghu. Ix-xhud qal li kien hemm xi agenti li kienu oggezzjonaw ghal dan. Ix-xhud sahaq li hu lir-rikorrent kien ihaddem u mhux lill-mara wkoll. Ir-rikorrent, sostna x-xhud, kien jghidlu li jekk ma jiehux lill-mara mieghu ma jahdimx. Ir-rikorrent kien jghid li ma kienx se jiehu l-mara mieghu izda meta x-xhud kien jinzerta ghaddej mhux l-ewwel darba rah, f'*night tour*, bil-mara mieghu.

Ix-xhud semma' wkoll l-intoppi li kien jaqla' r-rikorrent bhal meta fis-sena 2011 dahlet l-Arriva u kien irrifjuta li jmur jahdem b'tal-Linja, u dan meta s-socjeta` ntimata kienet intalbet sabiex taghti s-servizzi taghha biex tghin lit-trasport pubbliku.

Ix-xhud sostna li dan ix-xoghol kien jibda fis-sitta ta' filghodu u min kien jidhol kien jithallas siegha *overtime* u jekk jibqa' wara l-hamsa jithallas tal-hin li jkun ghamel wara l-hamsa. Dan ix-xoghol kien mitlub mill-*Unscheduled Bus Service* meta dahlet l-Arriva, u li r-rikorrent akkost ta' kollox ma riedx jidhol, "*jiena akkost ta' kollox fuq tal-linja ma mmurx*", sostna x-xhud li qallu r-rikorrent[7].

Ix-xhud kompla jixhed billi sahaq li minn disa' mpjegati kien ir-rikorrent li kien jaqla' dawn l-oggezzjonjiet biex jahdem. Ix-xhud spjega wkoll li meta kien xoghol ta'*sub-contracting* minghand is-Supreme, u kien ikun hemm xi lmenti mill-agenti tas-Supreme mhux l-ewwel darba li qallu li jekk jibqghu isiru dawn l-affarijiet ma kienx se jibqa' jaghtih xoghol. Ix-xhud irrivela li r-rikorrent kien l-aktar xufier li kien ikollu hafna argumenti mall-gwidi dwar it-*tips*.

Dwar meta finalment tkecca r-rikorrent mill-impjieg, ix-xhud sostna li kien Ta' Qali u cemplet ohtu, Dorianne Scicluna fejn informatu li r-rikorrent kien rega' rrifjuta li jahdem vjagg ta' bil-lejl (*night tour*) ghax kien vjagg ta' €17.00[8].

Ix-xhud qal li kien fl-ufficcju jqassam ix-xoghol ghal habta tas-sitta ta' fil-ghaxija, u mar ir-rikorrent sabiex ikellem lix-xhud peress li kien itterminah mill-impjieg. Ir-rikorrent insista li ried ikellmu izda x-xhud qallu biex johrog mill-ufficcju. Ix-xhud qal lir-rikorrent li jekk ried seta' jkellem lill-missieru, Andrew Abela, izda hu kien hadha d-decizjoni tieghu dwaru, u cioe` li jekk missieru kien se jaccetta lura lir-rikorrent hu (xhud) ma kienx se jibqa' jqassam xoghol aktar, u dan peress li kuljum bil-problemi tar-rikorrent (Johnny Cesare). Ix-xhud meta ra lir-rikorrent baqa' fl-ufficcju hareg hu 'l barra mill-ufficcju.

---

[7] Seduta tas-17 ta' Novembru 2014, xiehda ta' Chris Abela, pagna 9 tat-traskrizzjoni

[8] Ibid, pagna 12 tat-traskrizzjoni.

Ir-rikorrent baqa' fl-ufficcju jitkellem ma' ohtu, Dorianne Scicluna, u x-xhud baqa' jsostni li ried ikompli bix-xoghol. Meta x-xhud gie biex jerga' jidhol fl-ufficcju, r-rikorrent kif kien hiereg mill-ufficcju baqa' jzomm il-bieb, u x-xhud talab lir-rikorrent biex ihallih jidhol. Ir-rikorrent baqa' jsostni li hu mhux lilu ried ikellem izda lill-missieru. Ix-xhud qal li meta pprova jnehhi idejn ir-rikorrent minn mall-pum tal-bieb, ir-rikorrent qallu biex ma jmissux, u hawn it-tnejn li huma gew fl-idejn[9].

Ix-xhud semma' li kellu djarju li kienet izzommu ohtu, Dorianne Scicluna, fejn fih kien ikun hemm imnizzel il-hinjiet kollha tax-xufiera, bhal kemm hadmu *overtime*, u kif ukoll it-tip ta' vjaggi li jkunu ghamlu x-xufiera. Dan id-djarju kien ikun a dispozizzjoni ta' kull xufier f'kaz li jkun hemm xi domandi dwar il-vjaggi li jkunu ghamlu.

Fis-seduta tat-13 t'April 2015 regghet xehdet Dorianne Scicluna fejn ipprezentat l-ittra ta' terminazzjoni tar-rikorrent, (Dok. 'ABC'). Din ix-xhud fix-xiehda taghha regghet sostniet kemm ir-rikorrent kien jaqla' problemi dwar il-vjaggi ta' filghaxija ghax kien ikun irid jiehu lill-mara tieghu mieghu, kien jargumenta mall-gwidi, kien jinfluwenza ruhu minn dak li kienu jghidu l-kollegi tieghu jew in-nies, u kien imur jiggieled maghhom, kien ukoll joqghod iqabbel kemm kien jaqla paga ma' xufiera ohra. Ix-xhud semmiet ukoll episodju fejn ghax darba minnhom kien hemm xi hadd li kien qal lir-rikorrent li hi kienet irrabjata ghalih ghax hu (rikorrent) mhux vera kien bis-*sick leave*, r-rikorrent kien cemplillha u kien ghajjat maghha li mhux vera dak li kienu qalulha. Ix-xhud sostniet li hi qaltlu biex ma joqghodx jinkwieta ghax ma kellhiex dubju dwar hekk. Ix-xhud qalet li din kienet biss cajta mill-kollegi tieghu. Ix-xhud qalet ukoll li kien ikun hemm ilmenti mill-agenti biex lir-rikorrent ma jibghatuhx bhala xufier ghax kien dejjem jaqla' l-problemi. Ix-xhud qalet ukoll li taf li r-rikorrent kien ikollu xi jghid ma' kollegi tieghu, u wiehed minn dawn ix-xufiera telaq minhabba r-rikorrent[10].

Kien ir-rikorrent stess li kien qal lix-xhud li kellu xi jghid ma' kollega tieghu, certu Stephen, x-xhud qalet lir-rikorrent li jekk imiss li dan Stephen seta' jaqbad u jitlaq. Ix-xhud semmiet ukoll meta darba r-rikorrent kien xoghol il-Hadd u kellu zewg vjaggi, u kien xoghol mis-sebgha sal-hamsa, u fil-hin ma li kellux xoghol r-rikorrent, bhax-xufiera l-ohra, seta' jmur id-dar. Fl-istess gurnata kien hemm xufiera ohra li nghataw il-leave ghax ma kienx hemm xoghol ghalihom. L-ghada, sostniet ix-xhud, kellhom zewg vjaggi, wiehed ta' bil-lejl, li jiswa €23.00 u iehor li jithallas €19.00. Ix-xhud qalet li peress li r-rikorrent kien hadem il-Hadd u ghalhekk ix-xhud kienet assenjat il-vjagg li jithallas €23.00 lil dak ix-xufier li ma kienx xoghol il-Hadd. Ix-xhud tghid li ghax ir-rikorrent kien assenjat il-vjagg ta' €17.00, dan ma ried jaghmlu b'xejn ghax jew jiehu dak li jiswa' €23.00 jew ma jaghmel xejn[11].

Ix-xhud qalet li hi kienet tqassam ix-xoghol u tara li kulhadd ikun ha l-istess paga biex tkun gusta ma' kulhadd. Ix-xhud informat lil huha Chris Abela u kienu wkoll tkellmu ma' missierhom, peress

[9] Ibid, pagna 14 tat-traskrizzjoni.
[10] Seduta tat-13 ta' April 2015, xiehda ta' Dorianne Scicluna, pagna 2 tat-traskrizzjoni.
[11] Ibid, pagna 3 tat-traskrizzjoni.

li r-rikorrent kien jaqla' hafna problemi u kien inghata diversi opportunitajiet, u din kienet it-tielet darba, fejn f'zewg okkazzjonjiet ohra kienu tterminaw l-impjieg u wara fuq insistenza ta' missierhom kienu regghu dahhlu lir-rikorrent fl-impjieg. Din id-darba, qalet ix-xhud, kienu ddecidew li jitterminaw l-impjieg tar-rikorrent darba ghal dejjem.

Ix-xhud semmiet l-episodju ta' meta kien tkecca r-rikorrent u kien mar l-ufficcju filghaxija, fejn ix-xhud kienet ukoll tkellmet mall-mara tar-rikorrent, fejn ir-rikorrent ried jiddiskuti, u x-xhud offriet li jahdem in-*notice* sabiex jilhaq isib xoghol. Ix-xhud qalet li maghhom ma setax jibqa' jahdem bil-problemi li kienu nqalghu u kif ukoll li ma kienx hemm "*chemistry bejn hija u hu ma setax ikompli…*"[12]

Ix-xhud sostniet li r-rikorrent ried ikellem lil huha u x-xhud tghid li beda jargumenta ma' huha, u ried li jerga' jidhol xoghol. Meta hu x-xhud qallu li ghaxejn jitkellmu ghax id-decizjoni kienet ittiehdet u biex johrog mill-ufficcju, r-rikorrent ma riedx johrog. Hawnhekk, tghid ix-xhud, kien huha li hareg mill-ufficcju, u r-rikorrent baqa' gewwa l-ufficcju.

Ix-xhud issostni li hi ukoll ippruvat tfiehem lir-rikorrent li d-decizjoni kienet ittiehdet u biex johrog mill-ufficcju. Hu x-xhud, Chris Abela, ried jerga' jidhol l-ufficcju u hawn bdiet il-glieda bejn huha (Chris Abela) u r-rikorrent. Ix-xhud tghid li hi ppruvat tidhol bejn huha u r-rikorrent biex twaqqafhom. Kif ix-xhud rat li kien ghalxejn ghax kienu qabdu f'xulxin sew hi harget il-barra, u tghid li anke qalet xi daqqiet. Dan kien meta r-rikorrent gie tterminat mill-impjieg tieghu t-tielet darba. Ix-xhud tishaq li r-rikorrent kien thallas ukoll il-perjodu tan-*notice*, u dan ghalkemm ma kienx dovut ghax tkecca a bazi ta' dixxiplina[13].

In kontro-ezami x-xhud wiegbet, ghad-domanda min kien l-impjegat li kien telaq mill-impjieg minhabba r-rikorrent, x-xhud qalet li kien certu Stephen Bonavia (*sic*). Dan kien ilu jahdem mas-socjeta` ntimata sitt xhur, jew ftit aktar kien ghadu kemm ghadda l-perjodu ta' prova (*probation*). Dan Stephen, qalet ix-xhud in konto-ezami, kien telaq ghax kellu xi argumenti mar-rikorrent. Ix-xhud tirrileva li Stephen ma kienx hassu komdu jahdem b'rikatt minhabba r-rikorrent[14].

Fl-istess seduta rega' xehed Chris Abela, fejn sostna li hu kellu diversi dizgwid mar-rikorrent. Dan ix-xhud rega' rrakkonta dak li gara meta r-rikorrent kien irrifjuta li jaghmel vjagg ghall €17.00 ghax ried biss vjaggi ta' €23.00. Din ix-xhud meta ra li r-rikorrent ma riedx jaghmel il-vjagg qallu sabiex inizzel il-vettura il-garaxx. Ir-rikorrent nizzel il-vettura l-garaxx u dak il-hin hu ma kienx hemm. Meta x-xhud kien l-ufficcju rega' mar ir-rikorrent u x-xhud qallu li ma hemmx x'tiddiskuti izjed. Ir-rikorrent inisista li ried ikellem lill-missieru u mhux lilu, ghax r-rikorrent qal li ma' missieru kien impjegat u mhux mieghu[15].

[12] Ibid, pagna 5 tat-traskrizzjoni.
[13] Ibid, pagna 7 tat-traskrizzjoni.
[14] Ibid, xiehda in kontro-ezami ta' Dorianne Scicluna, pagna 8 tat-traskrizzjoni.
[15] Seduta tat-13 ta' April 2015, xiehda ta' Chris Abela, pagna 12 tat-traskrizzjoni.

Ix-xhud sostna li r-rikorrent ma riedx johrog mill-ufficcju u kellu johrog hu, u r-rikorrent baqa’ fl-ufficcju jitkellem ma’ ohtu. Ix-xhud ried jerga’ jidhol ghax ried iqassam ix-xoghol, izda dan ma riedx johrog mill-ufficcju, u kif ix-xhud miss idejn ir-rikorrent dan beda jaghmel atti tal-imgienen u spiccaw fl-idejn, u cioe` jiggieldu.

Ix-xhud sostna li r-rikorrent kien rega’ mar lura l-garaxx ghax meta dan kien nizzel il-vettura l-garaxx meta hu ma kienx hemm. Kienu ghaddew xi ftit sighat li r-rikorrent rega’ nizel il-garaxx u mar l-ufficcju taghhom sabiex jipprova jirranga s-sitwazzjoni.

Wara li waqfet il-glieda bejn ix-xhud u r-rikorrent, ir-rikorrent rikeb il-karozza tieghu u qal lix-xhud li kien sejjer l-ghassa jaghmel rapport. Ix-xhud qal li hu minn dejjem kien iqassam ix-xoghol hu. Dwar missieru x-xhud sostna li dan kien halla l-amministarzzjoni tax-xoghol f’idejh u f’idejn ohtu, Dorianne Scicluna. Missierhom kien jghin izda bhala tmexxija ma kienx baqa’ nvolut.

Fis-seduta tal-1 ta’ Frar 2016, xehed Andrew Abela, li spjega li hu ghandu l-kumpanija Cancu Coaches u qal li ghalkemm il-kumpanija hija tieghu x-xoghol jiehdu hsiebu t-tfal. Ix-xhud beda billi qal li r-rikorrent kien jafu ghax kien impjegat bhala xufier mieghu, u li kien ilu mieghu. Ix-xhud qal li r-rikorrent kien ikellmu meta kien ikollu xi ntopp, u meta kien jillattika ma’ ibnu, Chris Abela, u hu kien jirranga s-sitwazzjoni.

Dawn il-kwistjonijiet sostna x-xhud, kienu jinqalghu ghax ir-rikorrent ma kienx ikun irid jahdem vjaggi ta’ filghaxija. Meta ibnu kien kecca lir-rikorrent xi darbtejn ohra qabel minhabba dawn il-kwistjonijiet kien hu li rranga biex ir-rikorrent ma jitkecciex mill-impjieg[16].

Dwar l-ahhar argument li nqala’ bejn ir-rikorrent u iben ix-xhud, ix-xhud qal li r-rikorrent kien rega’ kellmu biex jirrangalu, izda x-xhud sostna li din id-darba ma setax. Ix-xhud qal ukoll li r-rikorrent qatt ma tah raguni ghaliex kien jirrifjuta li jahdem il-vjaggi ta’ filghaxija.

Fl-istess seduta kompla jixhed Chris Abela u in kontro-ezami qal li huma ma kinux kumpanija, u cioe` mhux Limited Company. Ix-xhud rega’ tenna li hu minn dejjem kien iqassam ix-xoghol.

L-istess xhud kompla jixhed fis-seduta tat-12 ta’ Dicembru 2017, fejn semma’ ncident li kien inqala’ fejn kien involut ir-rikorrent u certu Stephen Zammit. Dan l-incident kien sehh meta x-xufier Stephen Zammit kien mar biex jghabbi lit-tfal mill-iskola Primarja ta’ Marsascala u kien bi zball ghabba dawk li kellu jghabbi r-rikorrent. Fi ftit kliem kien ha r-rotta tar-rikorrent, ir-rotot kienu rotta ‘A’ u rotta ‘B’[17].

Ix-xhud qal li r-rikorrent dehrlu li dan Stephen kellu jnizzel it-tfal, biex jghabbihom hu. Ix-xhud qal li kien hemm tfal ta’ tlieta u erba’ snin, u li ma kienx hemm ghalfejn jitnizzlu la kienu rikbu. Ix-xhud qal li la kienu fl-istess post ma kienx hemm bzonn li jsir caqliq taghhom, specjalment la kien hemm tfal zghar. Ix-xhud sostna li dan kien sar jafu bit-telefon minghand Stephen. Ix-xhud kellem lir-rikorrent dwar dan l-incident u li mhux accettabbli, izda r-rikorrent ma ammettiex li kien

[16] Seduta 1 ta’ Frar 2016, xiehda ta’ Andrew Abela, pagna 4 tat-traskrizzjoni.
[17] Seduta 12 ta’ Dicembru 2017, xiehda ta’ Chris Abela, pagna 3 tat-traskizzjoni.

aggredixxa lil Stephen Zammit. Kien propju ghalehkk li dan Stephen kien irrizenja minn maghhom[18].

Ix-xhud semma' wkoll problemi li r-rikorrent kellu ma' certu Raymond Tabone, li kien ukoll impjegat taghhom. Ir-rikorrent kellu wkoll xi kwistjoni ma' certu, Joe Saliba, li kien jaghtihom ix-xoghol meta jkun hemm il-hargiet tal-anzjani.

In kontro-ezami x-xhud sostna li dwar l-incident ta' Marsascala, dwar meta kien sar zball ta' kif ingabru t-tfal tal-iskola, nqala' inutilment mir-rikorrent, u dan ghax ma kien hemm xejn li ma setax jittranga la kienu fl-istess lokal u tal-istess skola. In oltre, rrileva x-xhud li dan l-argument sar quddiem l-ghalliema li kienet responsabbli li tara li t-tfal jirkbu fil-*coach*. Ix-xhud sahaq li gieli kien hemm problemi simili bejn xufiera ohra u qatt ma nqalghu ncidenti ghax kienu jikkordinaw bejniethom. Il-problema tar-rikorrent kienet l-attitudni tieghu ghax mill-bqija kien izomm il-vettura li kien jahdem biha dejjem fi stat tajjeb u ta' ndafa. Kienet l-attitudni tieghu li kellu hazina, kien ikollu kwistjonijiet mall-gwidi, kien jirrifjuta x-xoghol ta' bil-lejl jekk ma jiehux il-mara mieghu, kwistjonjiet max-xufiera ohra.

Fis-seduta tal-15 ta' Mejju xehed Raymond Tabone li qabel kien impjegat mall-intimata u cioe` mar-rikorrent, u sostna li gieli kellu xi argumenti mar-rikorrent fuq ix-xoghol u kif ukoll ma' xufiera ohra.

Fl-istess seduta xehdet ukoll Charmaine Gafa`, li qalet kienet l-*Assistant Head* tal-Iskola Primarja ta' Marsascala. Din ix-xhud qalet li kemm kien ilha hi ma tiftakarx li qatt rat xi ncidenti bejn ix-xufiera.

Xehed ukoll f'din is-seduta Stephen Zammit, il-persuna li mieghu kellu l-argument ir-rikorrent hdejn l-iskola ta' Marsascala. Dan ix-xhud irrileva li hu ma setax jibqa' jahdem fejn kien ir-rikorrent peress li meta kellu argument mieghu hdejn l-iskola ta' Marsascala, r-rikorrent kien heddu li se jaghtih xebgha[19].

Dan ix-xhud sostna li r-rikorrent kien dahhalha f'mohhu li hu kien ried jehodlu l-vettura (*coach*) li kien jahdem biha. In oltre, x-xhud qal ukoll li hu ma kienx webbel lir-rikorrent biex imur jahdem mall-Arriva, u li maghhom ix-xhud kien ghamel perjodu jahdem, izda kien ir-rikorrent li kien wera x-xewqa li jmur jahdem mall-Arriva, u kien jistaqsih xi affarijiet dwar il-kundizzjonjiet tax-xoghol. Ix-xhud rega' kkonferma, in kontro-ezami, li hu kien telaq minn ma' Cancu Coaches minhabba r-rikorrent ghax kien aggredih hdejn l-iskola ta' Marsascala[20].

Fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2018 gie pprezentat affidavit tar-rikorrent u kif ukoll sett doukmenti li gew mmarkati bhala Dok. 'JC 1 sa Dok. 'JC3'. Fl-istess seduta saret talba ghall-isfilz

---

[18] Ibid, pagna 10 tat-traskrizzjoni.
[19] Seduta tal-15 ta' Mejju 2018, xiehda ta' Stephen Zammit, pagna 16 tat-traskrizzjoni.
[20] Ibid, pagna 27 tat-traskrizzjoni.

ta’ Dok ‘JC2’, u li fl-istess seduta xehed ir-rikorrent li pprezenta aktar Dokumenti li gew immarkati bhala Dok. ‘JC4’ sa Dok. ‘JC17’.

Ir-rikorrent fl-affidavit irribatta u cahad dak kollu li nghad fuqu matul din il-kwistjoni ta’ xoghol, u fix-xiehda tieghu rrakkonta kif kien beda l-impjieg mall-intimata, u li ma kienx jaf lil hadd minnhom qabel. Ix-xhud qal li hu beda ma’ missierhom, u cioe` Andrew Abela. Ix-xhud, ossia r-rikorrent, ipprezenta ritratti tal-*coaches* li kien jahdem bihom u kif ukoll f’okkazzjoniet socjali mall-kollegi tax-xoghol tieghu.

Ir-rikorrent matul ix-xiehda tieghu qal li mall-ġenituri ta’ Chris Abela u Dorianne Scicluna kellu relazzjoni tajba hafna. Dwar dak li qalu fuqu l-istess Chris Abela u Dorianne Scicluna, r-rikorrent qal li dan tlett kwarti minnu kien ivvinatat, u li gibdu fuqu. Ir-rikorrent irrikonoxxa li hu gie mkecci tlett darbiet. Ir-rikorrent spjega meta tkecca l-ewwel darba fejn kellu jaghmel vjagg kif kien talbu Chris Abela li kien is-Sibt u li kienet il-gurnata franka tieghu (*off day*). Ir-rikorrent sostna li Chris Abela kien riedu jahdem din il-gurnata u kif ukoll jaghmel vjagg fit-tlieta ta’ filghodu. Ir-rikorrent sahaq li l-ghada l-Hadd kien xoghol, u ghalhekk talab lil Chris biex dan il-vjagg jiehu hsiebu hu (Chris Abela). Ir-rikorrent qal li Chris Abela li ma kienx se jaqla` xufier sabiex jaghmel vjagg wiehed biss fit-tlieta ta’ filghodu. Hawnhekk Chris Abela qallu biex ma jigix izjed, u cioe` li kien qieghed ikeccih. L-ghada, sostna x-xhud, kien cempillu Chris Abela u qallu biex jahdem il-Hadd u hu hadem dik il-gurnata[21].

Ix-xhud sostna li wara xi xahar kien Chris Abela li rega’ keccieh, u dan meta hu kien *Paradise Bay*, u kien hemm Raymond Tabone, li qallu li kien hemm vjagg ta’ bil-lejl (*night tour*). Raymond Tabone qal lir-rikorrent biex icempel lil Chris Abela u jghidlu sabiex dan il-vjagg itih lilu (rikorrent). Ix-xhud sahaq li Chris Abela ma kienx tah dan il-vjagg u hu ma qaghdx jinsisti biex jiehu dan il-vjagg.

Ix-xhud qal li kien nizel bil-*coach* l-Ghadira ghax kien bl-istudenti barranin, u kien hemm Chris Abela, u hu (rikorrent) qallu li ma kienx irrangalu ghal dak il-vjagg ta’ bil-lejl biex jaghmlu hu. Ir-rikorrent jghid li meta qallu hekk Chris Abela rrabja hafna u beda jitkellem hazin u jidghi quddiem l-istudenti, u sahansitra beda jinbuttah. Ix-xhud jghid ukoll li kienu gew ukoll il-Pulizija mill-ghassa tal-Ghadira biex jikkalmaw is-sitwazzjoni. Chris Abela, jsostni r-rikorrent, lanqas biss kien riedu jiehu l-oggetti personali tieghu li kellu fil-*coach*, u kif ukoll li ma ried lil hadd mix-xufiera l-ohra biex inizzlu l-isfel.

Ir-rikorrent jghid li kien nizzlu Sandro Abela, li jigi l-kugin ta’ Chris Abela, u li l-*coach* li kien hadem bih hu kien baqa’ tlett ijiem wieqaf l-Ghadira. Dwar ir-raguni l-ghaliex tkecca mill-impjieg ir-rikorrent, u cioe` dwar it-tielet darba li tkecca, sostna li ma kienx jafha ezatt. Li jaf, sahaq ir-rikorrent, kien li kien ghamel sal-erbgha u nofs ta’ filghodu mall-mara tieghu l-isptar, u filghodu mar ghax-xoghol normali. Ir-rikorrent, kien bhas-soltu ha l-karta tax-xoghol tal-gurnata minghand omm Chris Abela, u f’din il-karta tax-xoghol kien hemm vjagg li kien f’nofs il-lejl. Ix-xhud informa

[21] Seduta tas-6 ta’ Novembru 2018, xiehda tar-rikorrent, Johnny Cesare, pagna 8 tat-traskrizzjoni.

lill-oht Chris Abela, u cioe` lil Dorianne Scicluna sabiex dan il-vjagg ta' bil-lejl ma jaghmlux, u din qaltlu li kienet se tkellem lil huha. Kien l-istess Chris Abela li cempel lir-rikorrent u meta r-rikorrent qallu sabiex dak il-vjagg ma jaghmlux peress li kien se jkun ghajjien minhabba li kien ghamel sal-erbgha ta' filghodu l-isptar minhabba l-mara tieghu, Chirs Abela Abela qallu li kien se jnehhielu kollox. Dan rega' qal lir-rikorrent biex jiehu l-*coach* u ma jmurx aktar.

Ir-rikorrent kif kien ghamel fiz-zewg tkeccijiet ta' qabel kien cempel lill-missier Chris Abela, Andrew Abela, fejn qallu li Chris kien rega' keccieh[22]. Andrew Abela min-naha tieghu qallu li kien se jara x'kien gara u li kien se jcempillu lura, izda meta r-rikorrent ra li ma kienx cempillu lura cempillu hu. Andrew Abela qallu li kien halla kollox f'idejn it-tfal, u qallu biex jirranga ma' ibnu Chris. Ix-xhud isostni li mar bil-*coach* il-garaxx u rega' nizel xi s-sitta u nofs ta' filghaxija.

Ir-rikorrent jghid li x'hin rah Chris Abela dan beda jirrabbja u qal lill-ohtu biex tqabbzu 'l barra mill-ufficcju. Ohtu, Dorianne Scicluna, qaltu biex ma jaghmilx hekk u kif ra li r-rikorrent baqa' hemm Chris Abela hareg il-barra mill-ufficcju hu. Ir-rikorrent jghid li hu lil Dorianne qallha li ma hemmx x'taghmel u kif ir-rikorrent kien sejjer il-barra ra lil Chris Abela gej f'direzzjoni tieghu b'hadida jew injama f'idu. Ir-rikorrent jghid li Chris Abela tah daqqa bl-oggett li kellu f'idu izda hu kien lahaq ghamel pass lura u b'hekk laqtu f'sidru. Ir-rikorrent jirrileva li hu telaq jigri u mar l-Ghassa tal-Pulizija taz-Zejtun jaghmel rapport[23].

Ix-xhud jghid li mill-ghassa kienu baghtuh jaghmel certifikat il-Poliklinika ta' Rahal Gdid fejn kien sar certifikat mit-tabib Dottor Aldo Fiorni M.D. Wara, jsostni r-rikorrent, kienu spiccaw il-Qorti. Ix-xhud jghid ukoll li kien dam ftit taz-zmien wieqaf u li issa kien qieghed jahdem ma' Malta Transport, u dan wara li kien saqsa xi garaxxijiet ohra biex jahdem maghhom.

Ix-xhud baqa' jsostni li Stephen Zammit kien beda jhajjru biex imur jahdem, dak iz-zmien mall-Arriva. In oltre, sostna li hu dejjem kien ikun lest biex jahdem u li kien jaghmel minn kollox biex igib ix-xoghol, kif kien ghamel mas-surmast tal-iskola ta' Wied il-Ghajn. Ir-rikorrent sostna li bosta mix-xhieda li kienu xehdu, fosthom Stephen Zammit u Chirs Abela kienu gidbu fuqu, u li ma kien vera xejn dak li xehdu dwaru[24].

Fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2018 ir-rkorrent kompla jixhed fejnipprezenta sett ritratti li kienu ta' okkazzjoni tal-eghluq il-hamsin sena tieghu u li kien stieden lill-kollegi tieghu tax-xoghol. F'dawn ir-ritratti spejga r-rikorrent hemm ukoll Stephen Zammit u kif ukoll Raymond Tabone, l-persuni li kienu xehdu kontrih[25].

Ix-xhud semma' li meta kienet telghet tixhed l-*Assistant Head* tal-iskola ta' Marsascala din kienet xehdet li ma rat xejn u li dan jikkonferma kemm kien kollox ivvintat dak li xehdu dwaru. Dwar il-fatt li kien jiehu l-mara tieghu mieghu fuq ix-xoghol, ir-rikorrent sostna li meta Chris Abela kien

---

[22] Ibid, pagna 16 tat-traskrizzjoni.
[23] Seduta tas-6 ta' Novembru 2018, xiehda tar-rikorrent, Johnny Cesare, pagna 17 tat-traskrizzjoni.
[24] Ibid, pagna 24 tat-traskrizzjoni.
[25] Seduta tat-8 ta' Jannar 2019, xiehda tar-rikorrent, Johnny Cesare, pagna 2 tat-traskrizzjoni.

qallu biex ma jehodiex mieghu, ma kienx baqa' jehodha mieghu, u li meta kien ikollu sighat twal jistenna din kienet titla bil-karozza taghha tiltaqa' mieghu, kif kienu jaghmlu x-xufiera l-ohra[26].

Fl-istess seduta xehdet il-mara tar-rikorrent, Jennifer Cesare, li qalet li ghall-bidu mall-principali ta' zewgha kellha relazzjoni tajba, specjalment ma' Dorianne Scicluna, oht Chris Abela. Din ix-xhud tghid li hi u zewgha bil-kemm kienu jiltaghqu, u meta zewgha kien ikollu hinjiet twal wieqaf kien icempillha u kienet tmur hdejh bil-karozza taghha. Dwar dakinhar li tkecca zewgha, x-xhud tghid li fil-lejl ta' qabel kienu damu sal-erbgha u nofs ta' filghodu l-isptar, ghax kienet hassitha ma tiflahx. Ix-xhud tghid li zewgha, ossia r-rikorrent, kien qam ghax-xoghol xi s-sitta ta' filghodu ghax kien imissu gurnata xoghol. Ix-xhud tghid li meta zewgha ra li kellu vjagg f'nofs il-lejl kien cempel lil Dorianne, oht Chris Abela, fejn saqsieha jekk setghetx tirrangalu. Dorianne kienet qalet lill-zewgha li se tkellem lill-huha[27].

Ix-xhud tkompli tghid li wara nofsinhar zewgha kien gie d-dar u qallha li kienu keccewh. Dakinhar stess ix-xhud marret tkellem lil Dorianne l-ufficcju taghhom, fejn qaltilha li kienu marru l-isptar, u li damu sal-erbgha ta' filghodu. Ix-xhud tghid ukoll li kienet urietha wkoll il-karta tal-isptar[28].

Ix-xhud issostni li Chris Abela kien cempel lill-zewgha u kien qallu li ma kienx jinteressah x'gara, u li meta sema' hekk zewgha kien nizel il-garaxx biex jipprova jirranga s-sitwazzjoni.  Ix-xhud tghid li zewgha kien gie lura mill-garaxx b'daqqa go sidru, u li kienu marru jaghmlu rapport l-ghassa, u certifikat mill-Poliklinika. Ix-xhud tghid li kienu ghamlu perjodu fuq il-beneficcji tas-Servizzi Socjali ghax zewgha kien bla xoghol u li kien ukoll f'dipressjoni. Ix-xhud taghlaq ix-xiehda taghha billi tghid li dak ix-xufier li kien xehed kontra zewgha li qal li kien jibza' minnu, kien il-persuna li kien qrib taghhom, u li mhux l-ewwel darba li mar id-dar taghhom. Dan l-istess xufier kemm-il darba kien stqarr maghha kemm kien imdejjaq bix-xoghol, ghax ma kellux hinijiet u ma setax johrog mall-hbieb[29].

Fis-seduta tal-11 ta' Gunju 2019 xehed in kontro-ezami r-rikorrent u li fl-imsemmija seduta giet issolevata l-eccezzjoni tal-legittimu kontradittur peress li r-rikorrent waqt ix-xiehda tieghu sostna li hu kien jahdem ma' Andrew Garage u mhux ma' Cancu Coaches Ltd.

In kontro-ezami r-rkorrent sostna li dejjem bil-*coaches* hadem. Ir-rikorrent sahaq li hu lil Joseph Grima u lil Stephen Catania ma kienx jafhom, u li ma kienx jaf jekk dawn kienux hadmu bil-coach tieghu, u li kienu mpjegati bhala *part-timers*. In oltre, r-rikorrent qal li fil-gurnata tax-xoghol tieghu hu kien jahdem bil-vettura bin-numru 903, izda jekk filghaxija kien jinqala` xi vjagg u kien isir minn xi *part-time*r dik kienet affari tal-imghallem tieghu.

Ir-rikorrent sostna li hu qatt ma kellu kuntratt ta' xoghol maghhom. Ir-rikorrent qal li ma kienx jaqbel li meta tkecca ghat-tielet darba, Andrew Abela kien qallu li ma seta' jaghmillu xejn din id-

---

[26] Ibid, pagna 5 tat-traskrizzjoni.
[27] Ibid, xiehda ta' Jennifer Cesare, pagna 7 tat-traskrizzjoni.
[28] Seduta tat-8 ta' Jannar 2019, xiehda ta' Jennifer Cesare, pagna 7 tat-traskrizzjoni.
[29] Ibid, pagna 10 tat-traskrizzjoni.

darba. Ir-rikorrent baqa' jsostni li hu mhux vera li kien jirrifjuta x-xoghol minghand Cancu Coaches. Ir-rikorrent qal li dejjem Chris Abela keccieh u mhux ohtu jew missieru, Andrew Abela.

Ir-rikorrent sahaq li hu kien impjegat ma' Andrew Garage u wara li Andrew Abela kien halla f'idejn it-tfal tieghu, l-isem sar Cancu Coaches. Kien propju hawn matul il-kontro-ezami tar-rikorrent li l-eccezzjoni tal-legittimu kontradittur tqajjemt mill-konsulnet legali tal-intimata u dan peress li r-rikorrent ghal aktar minn darba qal li hu kien impjegat ma' Andrew Garage[30].

**Konsiderazzjoniet tat-Tribunal Industrijali**

Illi l-kaz in dezamina jittratta sitwazzjoni fejn ir-rikorrent, Johnny Cesare kien impjegat mall-intimati, u li fil-mori ta' din il-kwistjoni ta' xoghol giet issollevata l-eccezzjoni tal-leggittimu kontradittur, u dan peress li l-occhio tal-kwistjoni ta' xoghol jindika Johnny Cesare u Cancu Coaches Ltd.

Illi dwar din l-eccezzjoni liema eccezzjoni tista' tigi ssollevata f'kwalsiasi stadju tal-proceduri, u li giet issollevata matul ix-xiehda in kontro-ezami tar-rikorrent, Johnny Cesare, u li ghal diversi drabi sostna li hu kien impjegat ta' Andrew Garage, u mhux ta' Cancu Coaches Ltd.

Illi f'dan l-istadju u stante li tali eccezzjoni tqajjmet lejn l-ahhar istanti ta' din il-kwistjoni ta' xoghol, dan it-Tribunal se jikkonsidra din l-eccezzjoni tal-legittimu kontradittur.

Illi artikolu 77 (1) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula s-segwenti:

> It-Tribunal ikollu dawk is-setgħat li bil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili huma mogħtija lill-Qorti Ċivili, Prim'Awla[31].

Illi ghalhekk minn dan l-artikolu jirrizulta b'mod car li t-Tribunal Industrijali ghandu s-setghat li ghandha l-Prim Awla tal-Qorti Civili. Illi in oltre, dawn it-tip ta' eccezzjoniet jistghu jigu ssollevati fi kwalsiasi stadju tal-proceduri, u dan kif gara f'din il-kwistjoni ta' xoghol.

Illi mill-provi dokumentarji jidher car li r-rikorrent kien impjegat ma' Andrew Garage u mhux ma' Cancu Coaches Ltd. In oltre, din is-socjeta` lanqas tirrizulta mall-awtorita` kompetenti ossia, l-Malta Fiancial Services Authority (MFSA), u kif ukoll mall-Malta Business Registry (MBR). Illi ghalhekk, it-talba tar-rikorrent f'din il-kwistjoni ta' xoghol ma tistax tigi milqugha, la m'hemm l-ebda *nexus* bejn ir-rikorrent u s-scojeta` citata fl-*occhio* tal-kwistjoni ta' xoghol. Di piu', s-socjeta` Cancu Coaches Ltd ma tirrizulta mkien li hi registrata fl-Awtorita` msemmija bhala socjeta` kummercjali, ossia "Ltd".

Illi mill-gurisprudenza nostrana fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet, Av. Michael Psaila noe vs Joseph Pace et, deċiża fit-3 t'Ottubru 2008 nsibu illi:

> "Min jeċċepixxi li hu mhux il-leġittimu kontradittur jeħtieġ illi jipprova li hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi

[30] Seduta tal-11 ta' gunju 2019, xiehda in kontro-ezami tar-rikorrent, Johnny Cesare.
[31] Att Dwar l-Impjiegi u Relazzjonjiet Industrijali, Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta Artikolu 77 (1).

> għat-talba proposta bl-istanza għaliex hu ma kienx daħal f'ebda rapport mar-rikorrent noe jew li m'għadx għandu tali rapport.[32]"

Illi minn dan il-bran ta' din id-decizjoni u applikat ghall-kwistjoni odjerna jirrizulta b'mod car li r-rikorrent qatt ma kellu rapport guridiku ma' din il-presunta socjeta` kummercjali.

Ghar-rigward tal-mertu ta' din il-kwistjoni ta' xoghol dan it-Tribunal wara li qies il-provi mressqa u kif ukoll ha in konsiderazzjoni d-depozizzjonjiet ta' Stephen Zammit u Raymond Tabone, dan it-Tribunal hu konvint li r-rikorrent huwa persuna ta' karattru kemmxejn ostili u difficli. Minn dak li rrizulta matul is-smiegh ta' din il-kwistjoni ta' xoghol, ir-rikorrent kien gia tkecca darbtjen ohra u bl-intervent ta' Andrew Abela kien rega' gie ntegrat fl-impjieg tieghu. Ir-rikorrent kien jippretendi li jaghzel ix-xoghol kif jaqbel lilu u kif ukoll kien jargumenta mas-superjuri tieghu ghaliex kien ikun irrid jaghmel vjaggi li kienu mhallsa aktar minn vjaggi ohra. In oltre, kellu diversi argumenti, kif irrizulta minn dawn ix-xhieda msemmija ma' kollegi tieghu.

Ir-rikorrent bhala mpjegat kellu l-obbligu li jobdi l-ordnijiet li kienu ragonevoli u kif ukoll legittimi. F'dan ir-rigward l-awtur Norman Selwyn jghid: -

> 10.61 The employee undertakes to obey all lawful and reasonable orders. In United Kingdom Atomic Energy Authority v Claydon, the employee's contract required him to work anywhere in the United Kingdom. He refused to transfer to another base, and was dismissed. The order was clearly lawful and reasonable, for it was within the express terms of the contract. In Pepper v Webb, a gardener used some choice expletives accompanied by words which indicated that he had no intention of obeying his employer's instructions, and it was this refusal, rather than the language which accompanied it, which was held to be in breach of contract[33].

Illi fil-kwistjoni odjerna kull ordni li r-rikorrent inghata mis-superjuri tieghu dejjem kienet legittima u ragonevoli, u dan kif irrizulta mill-provi akkwiziti. Fil-qasam ta' dan ix-xoghol, ossia ta' transport, hija haga normali li l-prezz ta' vjagg jkun ivarja minn iehor. Kif xehdu l-principali tar-rikorrent, fejn sostnew li huma dejjem kienu jqisu li jqassmu dawn il-vjaggi b'mod ekwu u gust bejn ix-xufiera kollha. Ir-rikorrent ma jistax jippretendi li ta' kull darba jaghmel il-vjaggi li jkunu jithallasu aktar minn ohrajn dejjem hu.

Illi ghalhekk dan it-Tribunal iqis li t-talba tar-rikorrent ma tistax tintlaqa', u dan stante l-istess attitudni ostili tar-rikorrent versu s-superjuri tieghu, u kif ukoll versu kollegi tieghu.

---

[32] Qorti Civili, Prim Awla - Citazzjoni Numru. 1236/2007, fl-ismijiet, Av. Michael Psaila noe vs Joseph Pace et, deċiża fit-3 ta' Ottubru 2008, per Onor. Mhallef Geoffrey Valencia.

[33] Selwyn's Law of Employment 22nd Edition – Astra Emir, Oxford University Press (2022) – par. 10.61, p. 297.

**Decide**

Illi ghaldaqstant, dan it-Tribunal qieghed jichad it-talbiet tar-rikorrent u dan ghar-ragunijiet sopra citati.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal qieghed jistabilixxi d-drittijiet tar-rapprezentanti legali tal-partijiet fl-ammont ta' €93.17c ghal kull rapprezentant legali.

Ghalhekk tintemm din il-kwistjoni ta' xoghol.

(Iffirmat)
**Av. Geoffrey Vella**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**